MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1134/2000/1

**Charles Azzopardi u martu Evelyn Azzopardi ghal kull interess li jista’ jkollha fil-ligi.**

**vs**

**Joseph Aquilina u minhabba l-mewt ta’ l-istess, Vincent Ciliberti b’nota tat-30 ta’ Novembru 2002 assuma l-atti minfloku, u Dr. Michelle Tabone b’nota tal-4 ta’ Mejju 2005 assumiet l-atti minflok Vincent Ciliberti, bhala Ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni Religjuzi Djocesani kollha ta’ Malta u ghan-nom u fl-interess ta’ “Id-Dar tal-Providenza” u kif ukoll Monsinjur Reverendu Lawrence Gatt f’ismu personali u bhala Direttur u Amministratur u fl-interess ta’ “Id-Dar tal-Providenza” ghal kull interess li jista’ jkollha fil-Ligi.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-tmienja ta' Frar tas-sena elfejn (8/2/2000) mietet Emanuela *sive* Emma Zammit armla minn John.

Illi b'testment tal-hdax ta’ Frar tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/2/1999) in atti tan-Nutar Tonio Cachia l-imsemmija Emanuela *sive* Emma Zammit halliet lid-"Dar tal-Providenza", Siggiewi eredi universali tal-gid kollu li jista’ jkollha, kif rapprezentata mill-konvenuti jew min minnhom.

Illi l-attur zewg l-attrici l-ohra irrenda lill-mejta Emanuela *sive* Emma Zammit servigi, assistenzi u prestazzjonijiet ta’ kull xorta u dan bl-isperanza ta' kumpens u/jew hlas.

Illi ghalhekk jehtieg li tigi likwidata somma li tirraprezenta l-hlas tas-servigi, assistenza u prestazzjonijiet rezi mill-attur lill-imsemmija Emanuela *sive* Emma Zammit.

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma tenuti fil-Ligi li jaghmlu l-hlas tas-somma hekk likwidata.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-attur zewg l-attrici l-ohra rrenda lil Emanuela *sive* Emma Zammit, meta kienet hajja, servigi, assistenzi u pretazzonijiet ta' kull xorta u dan bl-isperanza ta' kumpens u/jew hlas.

2. Tillikwida ammont, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li jirraprezenta hlas u/jew kumpens ta' dawn is-servigi, assistenzi u prestazzjonijiet resi mill-istess attur.

3. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom li huwa tenut fil-Ligi *qua* eredi universali tal-mejta Emanuela *sive* Emma Zammit ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur zewg l-attrici l-ohra.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sad-data tal-pagament effettiv, kontta l-konvenuti jew min minnhom li huma issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha datata 3 ta' Lulju 2000 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni billi, *nonostante* li inghad li din gietipprezentata mill-P.L. Bugeja, il-firma ta' dan ma tidhirx taht dik tal-Avukat.

2. Preliminarjament ukoll li Monsinjur Gatt gie mharrek erroneament "personalment u bhala direttur u amministratur u fl-interess tad-Dar tal-Providenza" billi personalment assolutament m'ghandux x'jaqsam mal-meritu tal-kawza u, kwantu ghad-Dar tal-Providenza, din korrettament hi rapprezentata gudizjarjament mill-konvenut Aquilina *nomine*. Ghalhekk l-eccipjenti Monsinjur Gatt ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

3. It-tielet domanda saret inutilment peress li hi koperta bir-raba' domanda.

4. Fil-meritu, l-eccipjenti ma jafu assolutament xejn dwar dak li jinghad fic-citazzjoni u, ghalhekk, jistennew jisimghu l-provi attrici bl-intendiment car li kull pretensjoni ghal servigi anki jekk kontinwi u bla interruzzjoni taqa' b'eghluq il-hames snin li hemm mill-mewt tal-persuna allegatament benefikata.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kollha a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Lulju 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Tonio Abela ghall-atturi u Dr. Tonio Mallia ghall-konvenuti. Id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghad-decizzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghat-30 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Paul Mallia ghall-konvenuti u Vincent Ciliberti li assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Aquilina stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza (fol. 33); Inghatat decizjoni preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, liema eccezzjoni giet michuda u allura l-Qorti ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza u b’digriet relattiv tat lill-atturi erbghin jum (40) jum biex jippresentaw l-affidavits taghom u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma’ l-provi tal-partijiet li ma jistghux jingiebu bil-procedura tal-affidavit.

Rat id-decizjoni moghtija fit-30 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (fol. 26).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u x-xhieda quddiemu prodotta, nkluzi xhieda tal-attur datata 30 ta’ Ottubru u 26 ta’ Novembru 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fil-25 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina sabiex tisma’ l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina flimkien max-xhieda quddiemha prodotta tal-attur datata 5 ta’ Novembru 2002 u d-dokumenti hemm prezentati (fol. 53 sa fol. 59), dik ta’

Catherine Fenech u Paul Gambina datati 12 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-24 ta' Jannar 2003 sas-seduta tat-23 ta' Novembru 2005 fejn fis-seduta tal-1 ta' Frar 2005 il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Charles Azzopardi datat 18 ta' Frar 2005 a fol 114 tal-process fejn talab r-riappuntament tal-kawza u b'digriet 22 ta' Frar 2005 il-kawza giet riappuntata l-kawza ghas-smigh ghat-18 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2005 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tkompli bil-gbir tal-provi f'dan il-kaz.

Rat in-nota ta' konvenut nomine datata 4 ta' Mejju 2005 a fol 119 tal-process li biha l-avukat Dr. Michelle Tabone bhala l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof assumiet l-atti tal-kawza fil-kwalita taghha premess minflok Vincent Ciliberti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Rat id-digriet datat 28 ta' Gunju 2006 fejn il-Qorti nnominat lill Dr. Marco Ciliberti bhala Perit Legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 6 ta' April 2009 a fol 176 ta-process li biha esebew x-xhieda moghtija fil-kawza fl-ismijiet ta' **"Victoria Scerri vs Joseph Aquilina noe et"** (Cit Nru 1087/2000 JRM) sabiex jaghmlu parti minn din il-kawza kif ordnat b'digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Frar 2009.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr. Marco Ciliberti pprezentat fit-28 ta’ April 2009 (fol 322). u n-nota ta’ l-istess Perit Legali datata 9 ta’ Dicembru 2009 (fol 341) li biha rrisponda ghad-domandi in eskussjoni lilu mressqa.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Marzu 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Claudio Zammit ghall-atturi u Dr. Dominic Cassar ghall-konvenuti. Dr. Zammit talab jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet tletin (30) gurnata zmien ghall-istess nota bin-notifika/*visto* lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota tieghu min-nofitika lilu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta’ Gunju 2010.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 19 ta’ April 2010 a fol 351 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz ta’ dawn il-proceduri, l-attur qieghed jitlob li jigi ddikjarat li huwa rrenda servigi lil Emanuela sive Emma Zammit bl-isperanza ta’ kumpens allura sabiex jigi likwidat l-ammont ta’ kumpens dovut lilhu u li l-konvenuti jigu kkundatti jhallsu din is-somma rapprezentanti kumpens ghas-servigi.

Illi da parti taghhom, il-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet, bl-ewwel eccezzjoni tigi michuda b’sentenza datata 30 ta’ Novembru 2000. Illi t-tieni

eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenut Monsinjur Lawrence Gatt ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju, u din il-Qorti thoss li tali eccezzjoni hija gustifikata peress li l-gudizzju huwa integru bil-presenza tal-ekonomu wahdu u barra minn dan certament li l-Monsinjur Calleja personalment ma' huwiex involut bl-ebda mod f'din il-kawza ghaliex bl-ebda mod ma huwa beneficarju tal-wirt ta' Emma Zammit. Ghalhekk l-istess Monsinjur Gatt kemm fil-kwalita' tieghu personali u kemm bhala Direttur u amministratur tad-Dar tal-Providenza ghandhom u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-mertu tal-azzjoni jinghad li ma huwiex kontestat li Emma Zammit mietet fit-8 ta' Frar 2000 u illi hija nnominat bhala eredi universali taghha lid-Dar tal-Providenza, liema wirt huwa regolat b'testment in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cachia tal-11 ta' Frar 1999, minn fejn jirrizulta wkoll illi l-attur ma bbenfika mill-ebda fost id-diversi legati mhollija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Charles Azzopardi xehed li rrenda s-servizzi lill Emma Zammit, u li taghhom huwa qieghed jippretendi li ghandu jigi kumpensat u li dawn kienu jikkonsistu fi fl-ahhar sitt snin qabel il-mewt ta' Emanuela Zammit, li jinkludu li minn Settembru 1999 sa tmien t'ijiem qabel ma' mietet fit- 8 ta' Frar 2000, huwa kien qed jehodha kuljum ghal kura l-Isptar Boffa, u peress li huwa kien joqghod il-Hamrun, huwa kien jinzel ghaliha Tas-Sliema, sabiex jigbor lill mara tan-neputija taghha Aldo Scerri u min hemm imur San Gwann, u wara jmorru l-Floriana, jwassalha lura d-dar u jiehu lura lill Victoria Scerri d-dar taghha. L-istess baqa' jaghmel meta l-imsemmija Emma Zammit marret tghix Villa Messina, ir-Rabat – izda l-vjagg kien minn Hamrun ghall tas-Sliema ghar-Rabat u mbaghad ghall Floriana u lura. Kien hemm xi drabi meta l-mara tieghu kien tiehu hsieb tnaddafha ghalkemm il-bicca kbira dan kien issir minn Victoria Scerri. Mill-bidu ta' Ottubru qabel ma' mietet kien jehodha ghall kura l-Isptar Boffa kuljum.

Illi minbarra dan jghid li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn allegatament huwa kien jehodha "l'hemm u l'hawn" (fol.

42) u dan  kien jinkludi li jehodha ghall visti tat-tobba u professuri, jistenniha u jwassalha lura d-dar u wkoll li darba fil-gimgha jehodha d-dar il-Hamrun u wkoll jixtrilha l-nmedicina u jaghmel ix-xirja taghha kwazi darba fil-gimgha (fol. 46) u jghid li fil-fatt dan kien issir qabel ma' miet zewgha, izda sar konsistenti wara li miet u dan kollu johrog mix-xhieda li huwa ta quddiem l-Assistant Gudizzjarju u fl-affidavit tieghu esebit bhala Dok. “CA 1” (fol. 53).

Illi din ix-xhieda hija kkoroborata mix-xhieda ta’ Mary Azzopardi (28 ta’ Novembru 2006 – fol. 143)  li sahanistra qalet li anke qabel ma mardet l-imsemmija Emma Zammit kienet iccempel lill attur biex iwassalha meta riedet tmur x’imkien u dan anke ghaliex wahedha ma kienitx tohrog. Jirrizulta wkoll li Victoria Scerri kkonfermat li kienet tiehu hsieb hija lill Emma Zammit izda l-attur li kien iwasalaha meta kellha bzonn il-kura ghall-Isptar Boffa; dan gie wkoll ikkonfermat minn Alfred Giacomotto, li kien jahdem bhala Security fl-imsemmi Sptar, li jghid li almenu huwa lill-attur rah mal-25 darba u dan fuq perjodu ta’ circa sitt xhur. Ghall-bqija tas-serigi ndikati mill-attur hemm ix-xhieda ta’ ibnu Frans Azzopardi (xhieda 12 ta’ Ottubru 2007).

Illi din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni attrici gew ippruvati gha-sodisfazzjon tal-Qorti, u dan fil-grad rikjest mill-ligi u dan fis-sens li ghalkemm jirrizulta lil-aktar li kienet tiehu hsieb lill Emma Zammit kienet l-imsemmija Victoria Scerri, kif jidher ukoll mis-sentenza fl-ismijiet **“Victoria Scerri et vs Joseph Aquilina nomine”** (P.A. (JRM) – 4 ta’ Marzu 2010) izda jirrizulta wkoll li fiz-zmien indikat mill-attur huwa wkoll rrenda servigi lill-imsemmija decujus, ghalkemm dawn kienu iktar relattati mal-fatt li kien iwassalha fejn kien hemm bzonn, l-iktar l-Isptar Boffa, u ghalhekk fuq dan l-aspett din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali, ghaliex mill-provi prodotti, nkluzi x-xhiedha fuq indikati, li kkoroboraw it-tezi attrici, jirrizulta li l-attur ssodisfa l-oneru ta’ prova fil-grad rikjest mill-ligi, u din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha processwali, u xhieda moghtija f’din il-kawza, thoss li l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ppruvati u f’dan is-sens gie

ppruvat li effettivament l-attur irrendi s-servigi lill Emma Zammit.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-attur ippretenda li jigu kkompensat u in vista tal-principju *omnia optat premium*, l-gurisprudenza konstanti hija fis-sens li hadd ma ghandu jigi prezunt li qed jirrendi s-servigi gratwitament u minghajr intenzjoni ta' xi kumpens (**"Giuseppa Spiteri vs Henry Micallef'** – 5 ta' Marzu 1974; Emanuel Trebile et vs Ursola Buttigieg et" (Q.M. (Ghawdex) (PC) – 25 ta' Marzu 2010).

Illi dwar kif jigi likwidat il-kumpens, wiehed ghandhu jzomm f'mohhu dak li inghad fis-sentenzi **"Anthony Catania proprio et nomine. v. Maria Agius"** – P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003 u **"Annunziata Brincat v. Joseph Aquilina nomine et"** (P.A. (GV) 31 ta' Mejju 2002) u cjoe' (i) il-frekwenza u x-xorta ta' servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenifikat mill-prestazzjonijiet u (iii) l-parentela tal-atturi mal-konvenuta, u konsiderazzjonijiet ohra *inter alia* bhal jekk minn irendi servigi nkorriex spejjez ghall-istess, b'dan li l-kumpens li jinghata ikun relattat u adegwat mas-servigi moghtija.

Illi tenut kont li l-assi tad-defunta Emma Zammit kienu jammontaw ghall-ammont ta' Lm500,000, u tenut kont tas-sentenzi fuq citati ta' kif ghandhu jigi likwidat il-kumpens mill-attur fil-konfront tal-istess konvenuti moghtija favur Victoria Scerri, din il-Qorti fil-waqt li tirreferri ghall dak ritenut appuntu fid-decizjonijiet fuq isemmija u f'diversi sentenzi ohrajn, fosthom **"Josephine Cutajar et vs Alfred Desira Buttigieg nomine"** (P.A (CS) – 6 ta' April 1985), **"Mario Vassallo vs Carmela sive Nena Aquilina"** – P.A. (CS) – 29 ta' Gunju 1982), u **"Lawrence Buhagiar nomine vs Av. Dr. Alfred Mifsud et nomine"** (P.A. (SC) – 1 ta' Frar 1983), izda fl-istess waqt jinghad li kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et"** (10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.ii.239) u **"Sarah Caruana vs Francis Mallia"** (P.A. (RCP) – 25 ta' April 2002), il-Qorti ma hijiex tenuta taddotta sistema ta' likwidazzjoni partikolari u f'certi kazi d-diskrezzjoni tal-

Qorti timla’ l-vojt li thalli l-istess ligi, u f’hafna kazi l-ammont jigi likwidat *arbitro boni viri.* Dan huwa kaz bhal dan u tenut kont tan-natura ta’ prestazzjonijiet resi, fid-dawl anke tal-konkluzzjonijet hawn raggunti, nkluz li l-attur ghandhu jigi kkompensat ghall-dak li ghamel mad-decujus, anke jekk kien hemm persuni ohra li rrendew servigi (**“Rita Portelli et vs Wilfred Desira Buttigieg”** – P.A. (HH) – 17 ta’ Jannar 1985), din il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut ghall-servigi resi mill-attur lill Emma Mifsud fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt Euro (2,300 Euro), u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fl-istess ammont.

Illi fl-ahharnett jinghad li t-tielet eccezzjoni qed tigi wkoll michuda peress li ma’ jirrizultax li t-tielet talba saret inutilment.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lil Monsinjur Reverendu Lawrence Gatt f’ismu *proprio* u bhala Direttur u Amministratur u fl-interess ta’ “Id-Dar tal-Providenza”, u fil-waqt li tichad it-tielet u r-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur zewg l-attrici l-ohra rrenda lil Emanuela *sive* Emma Zammit, meta kienet hajja, servigi, assistenzi u prestazzonijiet ta' kull xorta u dan bl-isperanza ta' kumpens u/jew hlas.

2. Tillikwida ammont li jirrapprezenta hlas u/jew kumpens ta' dawn is-servigi, assistenzi u prestazzjonijiet resi mill-istess attur fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

3. Tiddikjara lill-konvenuta bhala Ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof fil-kwalita’ Tieghu ndikata li hija tenuta fil-Ligi *qua* eredi universali tal-mejta Emanuela *sive* Emma Zammit

thallas l-ammont hekk likwidat ta’ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) lill-attur zewg l-attrici l-ohra;

4. Tikkundanna lill-konvenuta bhala Ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof fil-kwalita’ Tieghu ndikata thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-intimata Dr. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha premessa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------